

Inżommu l-Ewropa b'Saħħitha: L-ECDC fl-Azzjoni

Sorsi tar-ritratti

Ir-ritratti kollha © ECDC, ħlief:

Qoxra ta' quddiem, fin-nofs; p.2: © CDC. B'ħajr lil Cynthia Goldsmith;
Jacqueline Katz; Sherif R. Zaki

Paġna 4 © stockxpert.com

Paġna 8, fuq ix-xellug © US National Museum of Health and Medicine

Paġna 9 © CDC

Paġna 14, fuq il-lemin © istockphoto.com

Paġna 16, fuq ix-xellug © Image Source

Paġna 16, fuq il-lemin © CDC. B'ħajr lil Dr Edwin P Ewing, Jr

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2009.

ISBN 978-92-9193-152-1

DOI 10.2900/14491

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li jissema s-sors.

Ir-ritratti kollha f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħra minbarra din il-pubblikazzjoni, jekk mhux bil-permess espress tas-sidien tad-dritt tal-awtur.

Inżommu l-Ewropa b'Saħħitha: L-ECDC fl-Azzjoni

Werrej

Preambolu – L-Azzjoni tal-UE kontra mard infettiv	3
Kif jista' jkun ta' theddida għan-nies fl-Ewropa l-mard infettiv?	4
L-ECDC fl-Azzjoni	6
X'jiġri jekk pandemija tfaqqa' għada?	8
Il-prijoritajiet strateġiċi tal-ECDC għall-2007-2013	10
Kif inhu organizzat l-ECDC	12
Fatti importanti dwar l-ECDC	14
Lista ta' mard infettiv li huma notifikabbli fuq livell tal-UE	16



“Il-viżjoni tagħna hija ta’ Unjoni Ewropea fejn iċ-ċittadini kollha jgawdu l-aqwa protezzjoni minn mard infettiv kif jippermettu l-iktar miżuri reċenti ta’ prevenzjoni u kontroll”

Zsuzsanna Jakab, Direttur tal-ECDC



Preambolu – L-Azzjoni tal-UE kontra mard infettiv

Id-dinja qatt ma kienet interkonnessa daqskemm hija llum. Miljuni ta' nies u tunnellati ta' ikel jaqsmu l-fruntieri kuljum. F'lejl medju f'lukanda ewlenija f'belt Ewropea tista' ssib mistednin minn tnax-il pajjiż jew iktar. Kif wera s-SARS fl-2003, tfaqqigħ ta' mard infettiv jista' jinfirex fuq livell internazzjonali b'ħeffa li qatt ma rajna qabel.

L-aħbar it-tajba hija li fis-seklu 21 l-għodda disponibbli għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' tfaqqigħ tal-mard huma aqwa minn qatt qabel fl-istorja. L-isfida hija li nkunu ċerti li nużaw dawn l-għodda b'mod effettiv.

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) twaqqaf fl-2005 biex isaħħaħ id-difiżi tal-Ewropa kontra mard infettiv. Aħna naħdmu mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex niffaċilitaw il-kooperazzjoni, u biex nipprovdu il-bażi ta' evidenza meħtieġa għal azzjoni effettiva. Il-viżjoni tagħna hija ta' Unjoni Ewropea fejn iċ-ċittadini kollha jgawdu l-aqwa protezzjoni minn mard infettiv kif jippermettu l-iktar miżuri reċenti ta' prevenzjoni u kontroll.

Bħala aġenzija xjentifika tal-Unjoni Ewropea, l-ECDC tmexxi evalwazzjonijiet tar-riskji u tipprovdi evidenza xjentifika lill-UE u lil min ifassal il-politika nazzjonali. Iżda għandna wkoll rwol operattiv prattiku biex niddefendu l-Ewropa mill-mard.

F'termini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħna ta' theddid għas-saħħa umana, aħna ma nagħmlux dan minn ġol-uffiċċji tagħna fi Stokkolma. Aħna jkollna regolament epidemjologi barra fuq il-post, jivvalutaw il-fatti minn fejn ikunu qed iseħħu l-avvenimenti. Għamilna dan fl-2005 u fl-2006 meta l-influenza tat-tjur H5N1 laq-tet partijiet mill-Ewropa, u erġajna għamilna hekk iktar reċentement meta seħħ it-tfaqqigħ tal-virus tropikali tad-deni chikungunya.

Għalhekk, filwaqt li parti minn xogħolna jiffoka fuq l-istatistika u analiżi xjentifika, għandna wkoll ir-rwol li naġixxu dwar inċidenti li għandhom impatt dirett fuq is-saħħa umana. Dan jagħtina responsabbiltà u motivazzjoni biex nagħmlu kollox sew.

Fil-qosor, xogħolna huwa li nżommu l-Ewropa b'saħħitha, issa u fil-futur.

Zsuzsanna Jakab
Direttur tal-ECDC



Kif jista' jkun ta' theddida għan-nies fl-Ewropa l-mard infettiv?

Il-mard infettiv huwa kkawżat minn mikro-organiżmi - bħall-batterji, virus, parassiti jew fungi – li jattakkaw l-ġisem uman u jimmultiplikaw fih. Il-mikro-organiżmi jistgħu jinfettaw lin-nies permezz ta' għadd ta' rotot differenti. Huma jistgħu jkunu preżenti fl-arja li nieħdu man-nifs, fl-ilma li nixorbu jew fl-ikel li nieklu. In-nies jistgħu jieħdu mikro-organiżmi minn kuntatt ma' nies oħra, annimali, pjanti jew anke mill-ħmieġ inviżibbli fuq oġġetti li huma jmissu.

Il-pajjiżi tal-UE ġeneralment dejjem kellhom suċċess fil-ġlieda tagħhom kontra l-mard infettiv. Fl-UE, l-istandards ta' iġjene huma għoljin meta mqabblin ma' ħafna partijiet oħra tad-dinja u l-Istati Membri tal-UE għandhom sistemi tajbin tas-saħħa pubblika. Kampanji nazzjonali ta' tilqim ikkontrollaw, u f'ċerti każijiet anke eliminaw, varjetà ta' mard.

Ir-rata ta' infezzjoni tal-biċċa l-kbira ta' madwar 50 marda li l-ECDC tiġbor informazzjoni dwarhom, jew naqset jew baqgħet stabbli matul dawn l-aħħar 10 snin. Il-maġġoranza tal-imwiet fil-pajjiżi tal-UE huma kkawżati minn mard mhux infettiv bħall-kanċer u l-mard tal-qalb.

Madankollu, wieħed irid iqis li s-sitwazzjoni preżenti hija riżultat ta' investment qawwi u kontinwu minn awtoritajiet tas-saħħa, ħaddiema fil-kura tas-saħħa, riċerkaturi u ħafna oħrajn. Inqas minn 100 sena ilu, l-infezzjonijiet kienu għadhom l-ikbar qattielu – speċjalment ta' tfa' u adulti żgħir. Jekk il-protezzjoni li stabbilixxjona ma tkunx kontinwament miżmuma u żviluppata, dawn l-infezzjonijiet jerġgħu jirritornaw b'iktar saħħa. Anke llum, il-piż ta' mard infettiv ma għandux jiġi sottovalutat. Kull sena f'pajjiżi tal-UE, il-mard infettiv jikkawża għexieren ta' eluf ta' mwiet, miljuni ta' ġranet ta' xogħol mitlufa u uġiġħ u sofferenza li ma nafux bihom.



Mard infettiv – l-ikbar theddid

- L-iktar theddida sinifikanti ta' mard fl-Ewropa hija minn mikro-organiżmi li saru reżistenti għall-antibijotiċi. Infekzjonijiet minn batterji bħal dawn huma problema kbira u li qed tinfirx malajr fl-ispertarjiet u fil-komunità tagħna. Kull sena, madwar erba' miljuni u nofs ruħ fl-UE taqbadhom infekzjoni assoċjata mal-kura tas-saħħa, li minnhom huwa stmat li sa 40,000 pazjent imutu bħala konsegwenza diretta.
- Iktar minn 25,000 każ ġdid ta' HIV/AIDS kien irrapportat fil-pajjiżi tal-UE fl-2006. In-numru totali ta' nies li qegħdin jgħixu bl-HIV fl-UE huwa stmat li huwa madwar 700,000. Minn dawn, xi 30% – madwar 200,000 – ma jafux li għandhom l-HIV.
- Kważi 90,000 każ ta' tuberkożi (TB) kien irrapportat fl-UE fl-2006. Il-każijiet ta' TB qed jiżdiedu fost gruppi vulnerabbli bħal emigranti u nies li għandhom l-HIV. Każijiet ta' TB li huma reżistenti għall-mediċina, li huma diffiċli jew saħansitra anke impossibbli li jkunu ttrattati, qed jidhru madwar l-UE.
- Kull xitwa, mijiet ta' eluf ta' nies fl-UE jimirdu serjament bl-influenza tal-istaġun. Minn dawn, eluf imutu fi staġun medju ta' influwenza, kultant sempliċement għax ma jsirx użu mit-tilqim effettiv li huwa disponibbli għal dawn il-gruppi f'riskju.
- Mikro-organiżmi totalment ġodda jadattaw u jitbiddlu, bir-riżultat li mard ġdid jista' u fil-fatt joħroġ. Rajna dan bl-HIV/AIDS fit-tmeninijiet, il-varjant tal-marda Creutzfeldt-Jakob fid-disgħinijiet u s-SARS fl-2003.
- Il-bidla fil-klima tista' wkoll twassal għal xejriet ġodda ta' mard fl-Ewropa. Rajna *t-tick-borne encephalitis* madwar l-Ewropa kif ukoll it-tfaqqigħ ta' mard tropikali emerġenti fis-snin reċenti.



ECDC esperti fil-qasam



ECDC Emergency Operations Centre

L-ECDC fl-Azzjoni

Nirrispondu għat-theddid għas-saħħa

Sa mid-disgħinijiet il-pajjiżi tal-UE żammew informazzjoni regolari dwar tfaqqiġh ta' mard li għandu l-potenzjal li jinfirx lil hinn mill-fruntieri. Sistema sikura ta' messaġġi msejħa *EU Early Warning and Response System on public health threats* (Sistema ta' Twissija u Rispons Bikri għal theddid għas-saħħa pubblika) (EWRS) tikkollega lill-awtoritajiet tas-saħħa fl-Istati Membri, l-ECDC u l-Kummissjoni Ewropea. L-“uffiċjali tal-intelliġenza epidemika” tal-ECDC ibbażati fiċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza jissorveljaw din is-sistema għal sebat ijiem fil-ġimgħa, 365 jum fis-sena. Huma jissorveljaw ukoll informazzjoni mill-WHO, imsieħba internazzjonali u l-midja.

Meta tiġi identifikata theddida, il-persunal tal-ECDC jivvaluta malajr is-sinifikat tagħha u jaqsam s-sejbiet tiegħu mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. Fejn meħtieġ, l-ECDC jista' jaħtar esperti fil-qasam u jinvestiga l-fatti fuq il-post.

Niġbru informazzjoni fuq livell tal-UE dwar mard infettiv

L-ECDC jiġbor dejta mill-pajjiżi membri tal-UE fuq madwar 50 marda infettiva ewlenija (ara paġna 16 għal-lista ta' dan il-mard). Dan jgħin lill-ECDC biex joħloq stampa li tkopri l-Ewropa, ta' dak li qed jiġri fil-qasam tal-mard infettiv fil-kontinent tagħna, u biex janalizza t-tendenzi fin-numru

ta' każijiet li jiġu rrapportati. Il-ħidma ma' Stati Membri u l-Kummissjoni Ewropea biex intejbu l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tal-informazzjoni madwar l-Ewropa hija għan strateġiku ewleni għall-ECDC. Fil-preżent, differenzi bejn pajjiżi fir-rata ta' każijiet li qegħdin jiġu rrapportati għal mard differenti, ħafna drabi jirriflettu differenzi fil-mod kif tinġabar l-informazzjoni iktar milli differenzi fis-sitwazzjoni reali.

L-ECDC jipproduċi Rapport Epidemjoloġiku Annwali, li jiġbor u janalizza informazzjoni dwar il-mard kollu li jkopri, kif ukoll rapporti dwar l-istat ta' mard speċifiku bħall-HIV/AIDS u t-tuberkolożi.

Niprovdu l-evidenza għal azzjoni dwar is-saħħa pubblika

Barra li jipprovdi informazzjoni ta' kwalità għolja lil min jieħu d-deċiżjonijiet, l-ECDC jipprovdihom ukoll b'opinjonijiet xjentifiċi indipendenti. Biex jagħmel dan, l-ECDC jirrikorri għall-fehma esperta tal-persunal tiegħu stess, ta' esperti minn istituti nazzjonali għas-saħħa pubblika u ta' akkademiċi. Il-proċedura għall-produzzjoni ta' opinjoni normalment tinkludi t-twaqqif ta' Panel Xjentifiku *ad hoc* li jipproduċi opinjoni inizjali, li mbagħad tkun diskussa mill-Forum Konsultattiv tal-ECDC.

L-Ewropa għandha tradizzjoni twila ta' eċċellenza fl-oqsma xjentifiċi tal-bijoloġija tal-infezzjoni u l-mediċina għal mard kliniku infettiv. Permezz ta' kooperazzjoni u netwerk ma'

Eurosurveillance – Il-ġurnal xjentifiku tal-ECDC

Eurosurveillance, ġurnal xjentifiku ewleni ddedikat għall-epidjologija, is-sorveljanza, il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv, deher għall-ewwel darba fl-1995 u ilu jiġi ppubblikat minn Marzu 2007. Ħarġiet ġodda huma disponibbli fuq l-internet fuq www.eurosurveillance.org kull nhar ta' Ħamis, b'komunikazzjoni u aħbarijiet mgħaġla, kif ukoll artikoli ta' riċerka u rapporti ta' sorveljanza u dwar tfaqqigħ, li jkunu itwal u iktar iddettaljati. Il-biċċa l-kbira tal-artikoli huma wkoll ippubblikati f'kompilazzjoni stampata kull tliet

xhur. Barra minn hekk, kultant jinħarġu *e-alerts* dwar attivitajiet li jeħtieġu li jiġu kkomunikati b'mod urġenti lill-qarrejja għal azzjoni rapida dwar is-saħħa pubblika.

Eurosurveillance huwa ġurnal b'aċċess miftuħ, mingħajr ħlas kemm għall-qarrejja kif ukoll għall-awturi. Il-ġurnal bħalissa għandu iktar minn 13,000 abbonat elettroniku, u l-għadd ta' kopji tal-edizzjoni stampata huwa ta' 6,000.

xjenzjati ewlenin fl-Ewropa, l-ECDC jinkoraġġixxi l-ġabra ta' għarfien dwar kwistjonijiet ta' saħħa pubblika li jaqsmu l-fruntieri ġeografiċi. Barra minn hekk, l-attivitajiet kurrenti taċ-Ċentru għandhom l-għan li jibnu rabtiet iktar mill-viċin bejn ix-xjenza u t-tfassil tal-politika, u li jħaffu l-applikazzjoni tas-sejbiet minn fuq il-bank tal-laboratorju għall-kwistjonijiet kurrenti fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Taħriġ u bini tal-kompetenza

L-ECDC jikkoordina l-Programm Ewropew għat-Taħriġ għal Epidjologija ta' Intervent (EPIET), li jipprovdi taħriġ u esperjenza Prattika f'ċentri nazzjonali għal sorveljanza u rispons ta' mard fl-UE. Iffinanzjat mill-ECDC u minn Stati Membri tal-UE, il-programm huwa mmirat lejn prattikanti mediċi, infermiera fis-saħħa pubblika, mikrobijologi, veterinarji u professjonisti oħra tas-saħħa li jaħdmu fil-qasam tal-epidjologija applikata għal kwistjonijiet ta' saħħa pubblika. L-għan huwa li jiġi żviluppat netwerk Ewropew ta' epidjologi ta' intervent, u għalhekk tissaħħa l-kompetenza ta' sorveljanza u ta' rispons fil-Unjoni Ewropea u saħansitra lil hinn mill-fruntieri tagħha.


L-ECDC imexxi konsultazzjonijiet regolari ma' uffiċjali nazzjonali u jorganizzalhom sessjonijiet qosra ta' taħriġ. Dan jgħin lill-ECDC biex jivvaluta l-kompetenzi ta' saħħa pubblika tal-Istati Membri u jiffoka fuq oqsma ewlenin li jeħtieġu l-bini tal-kompetenzi.

Komunikazzjoni dwar is-Saħħa: Informazzjoni li twassal għal azzjoni

L-għan tal-ECDC huwa li jipprovdi informazzjoni u analiżi li fuqhom tista' tinbena azzjoni. Madankollu, min jieħu d-deċiżjonijiet dwar is-saħħa pubblika fl-UE u l-Istati Membri tagħha, jista' biss jaġixxi fuq informazzjoni ġdida jew parir ġdid jekk ikun jaf li jeżisti. Id-disseminazzjoni tar-riżultat tal-ħidma xjentifika hija għalhekk ta' importanza ewlenija għall-ECDC.

Filwaqt li l-esperti tas-saħħa pubblika u min jieħu d-deċiżjonijiet huma l-udjenza ewlenija li jimmira għaliha l-ECDC, il-mard infettiv għandu impatt fuq kulħadd. Iċ-ċittadini Ewropej u l-midja għalhekk għandhom interess leġittimu f'dak li qed jaġmel l-ECDC. L-ECDC jikkomunika b'mod proattiv mal-midja u uħud mill-pubblikazzjonijiet tiegħu huma maħsuba direttament għaċ-ċittadini.

Barra li jikkomunika r-riżultati tal-attivitajiet tiegħu, l-ECDC huwa wkoll ta' sors ta' għarfien espert għall-Istati Membri dwar l-aqwa Prattika fil-komunikazzjoni dwar is-saħħa u jiffaċilita kampanji ta' informazzjoni bejn għadd ta' pajjiżi. Fit-tfaqqigħ ta' mard l-ECDC u l-Kummissjoni Ewropea għandhom rwol importanti biex irawmu l-koerenza fil-komunikazzjoni ta' emerġenza ta' riskju madwar l-UE.



Sptar fi żmien l-epidemija tal-influenza Spanjola (1918)



X'jiġri jekk pandemija tfaqqa' għada?

X'jiġri jekk tfaqqa' forma ġdida estremament virulenti tal-influenza u tinfirex madwar id-dinja? X'rwol ikollu l-ECDC biex jiproteġi lin-nies fl-Ewropa minn din il-marda?

Il-probabbiltà hija li l-pandemija tibda barra mill-Ewropa. Jista' jiġri wkoll li l-ewwel tfaqqiġ tal-marda l-ġdida ma jiġix immedjatament rikonoxxut bħala influwenza pandemika. L-ewwel sinjal tal-bidu ta' pandemija jaasal lill-uffiċjali tal-intelliġenza epidemika tal-ECDC, jew permezz ta' rapporti fil-midja mill-pajjiż affettwat jew minn informazzjoni uffiċjali. Din l-informazzjoni uffiċjali tista' tasal jew direttament, fil-forma ta' laqgħa informattiva/ta' istruzzjoni minn uffiċjali tas-saħħa fil-pajjiż affettwat, jew permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

Ix-xogħol tal-ECDC imbagħad ikun li jivvaluta s-serjetà tat-theddida għas-saħħa fl-Ewropa. Minħabba l-interess internazzjonali fl-influenza pandemika, din il-valutazzjoni trid titwettag f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-WHO u l-imsieħba internazzjonali l-oħrajn.

Fl-istadji bikrija tat-tfaqqiġ ikun hemm nuqqasijiet kbar fl-għarfien tagħna dwar il-virus il-ġdid. L-awtoritajiet tas-saħħa jkunu jridu jafu kemm jista' jittieħed il-virus il-ġdid (jiġifieri x'perċentwali tal-popolazzjoni hija mistennija li timrad), u kemm huwa perikoluż (jiġifieri kemm

hemm probabbiltà li n-nies infettati jmutu). Huma jkunu jridu jafu wkoll jekk il-virus huwiex qed jaffettwa gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni – per eżempju, it-tfal jew l-anzjani – iktar minn oħrajn. Huwa probabbli li l-WHO toffri li tibgħat **Tim Internazzjonali ta' Assistenza għal Tfaqqiġ ta' Mard** lill-pajjiż affettwat. L-ECDC jikkontribwixxi esperti għal dan it-tim u, permezz tagħhom, l-awtoritajiet tas-saħħa madwar l-Ewropa jkollhom aċċess mgħaġġel għas-sejbiet tat-Tim ta' Assistenza għal Tfaqqiġ ta' Mard.

L-ECDC ħadem mill-qrib ma' Stati Membri biex jiżviluppa l-**preparazzjoni** tagħhom kontra l-influenza pandemika. Jekk isseħħ pandemija, l-Istati Membri jkollhom jattivaw il-pjan ta' preparazzjoni tagħhom.

L-ECDC ikollu r-rwol, matul il-pandemija, li jiġbor informazzjoni dwar **sorveljanza** fuq livell Ewropew fuq it-tifrix tal-marda fil-kontinent tagħna. Sistemi biex tiġi pprovduta din is-sorveljanza ġew żviluppati minn qabel u jibnu fuq sistemi eżistenti għal sorveljanza tal-influenza tal-istaġun fl-Ewropa.

Nirrispondu għall-bidu ta' theddida: Deni Chikungunya fl-Ewropa

lċ-Chikungunya huwa virus li jibda minn nemusa li jikkawża deni għoli u uġiġħ fil-ġogi. Għalkemm rarament tkun ta' theddida għall-ħajja, hija marda kerha li tista' tinfirex malajr hekk kif tolqot popolazzjoni lokali tan-nemus. Fix-xitwa tal-2005-2006, kien hemm tfaqqiġh kbir ta' chikungunya fuq il-gżira ta' La Réunion fl-Oċean Indjan. L-ECDC laqqa' esperti ewlenin biex jivvalutaw jekk kienx hemm riskju li d-deni chikungunya jinfirex mal-Ewropa. L-esperti identifikaw bosta reġjuni fl-Ewropa fejn kien hemm nemus li huma kapaċi li jgħorru



l-virus. Minħabba l-ammont sinjifikanti ta' vvjaġġar bejn l-Ewropa u r-reġjun tal-Oċean Indjan huma kkonkludew li kien hemm riskju reali ta' tfaqqiġh fl-Ewropa.

Wara din il-valutazzjoni, l-ECDC u l-Kummissjoni Ewropea assistew lill-Istati Membri fil-qsim tal-għarfien u biex isaħħu l-livell ta' preparazzjoni kontra ċ-chikungunya.

Fis-sajf tal-2007, l-ewwel tfaqqiġha tal-virus taċ-chikungunya fl-Ewropa seħħet fid-distrett ta' Ravenna fil-Grigal tal-Italja. Minħabba l-investment li sar fil-livell ta' preparazzjoni, uffiċjali tas-saħħa pubblika lokali kienu konxji tat-theddida taċ-chikungunya u kellhom ir-riżorsi meħtieġa biex jittestjaw għall-virus. It-tfaqqiġh kien identifikat kmieni u mrażżan b'suċċess. Madankollu, l-inċident ikkonferma li ċ-chikungunya huwa theddida li l-Ewropa teħtieġ li tieħu bis-serjetà. Tim konġunt bejn l-ECDC u l-WHO żaru d-distrett ta' Ravenna matul it-tfaqqiġha, u pproduċew valutazzjoni konġunta tal-implikazzjonijiet tagħha għall-pajjiżi Ewropej.

L-ECDC jipprovdi **informazzjoni veloċi** dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni permezz tas-sit elettroniku u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tiegħu. L-ECDC jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u imsieħba ewlenin oħra biex irawwem **koe-renza fil-komunikazzjoni ta' riskju** dwar il-pandemija.

Matul il-pandemija, l-ECDC jaħdem ukoll mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea biex **jivvaluta l-effikaċja** tal-miżuri ta' kontroll li jkunu qed jittieħdu. L-ECDC jaħdem ukoll biex jiffaċilita l-ġbir ta' għarfien xjentifiku u l-qsim ta' esperjenza dwar mezzi effettivi biex tiġi miġġielda l-pandemija.



Il-konferenza ESCAIDE 2007, Stokkolma



Zsuzsanna Jakab Fil-Parlament Ewropew

Il-prijoritajiet strateġiċi tal-ECDC għall-2007-2013

Il-Programm Strateġiku multiannwali tal-ECDC għall-2007-2013 janalizza l-isfidi li jġib miegħu l-mard infettiv lill-Ewropa fis-snin li ġejjin u jiddefinixxi ir-rwol tal-ECDC biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw dawn l-isfidi.

L-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-UE biex issaħħaħ is-sistemi tagħha ta' saħħa pubblika jinkludu:

- Titjib fil-kwalità u l-komparabbiltà tal-informazzjoni fuq livell tal-UE dwar sorveljanza tal-mard. Id-differenzi preżenti fl-inċidenza tal-mard huma ġejjin daqstant minn differenzi fir-rappurtaġġ daqs kemm minn differenzi fis-sitwazzjoni “fid-dinja reali”.
- Tibdil tal-għerf xjentifiku miġbur fl-UE f'pariri dwar is-saħħa pubblika bbażati fuq evidenza li l-Istati Membri u ċ-ċittadini jistgħu jaġixxu fuqhom.
- Li jkollha sistema tajba għall-identifikazzjoni ta' mard ġdid, u kif imbagħad tirrispondi għalih.
- Il-kompitu ewlieni tal-ECDC huwa li jindirizza dawn l-isfidi sistematiċi. Il-Programm Strateġiku Multiannwali jipprovdi l-qafas biex isir dan.



ECDC Bord ta' Ġestjoni

Miri għall-2013

Sas-sena 2013:

Mira 1: L-ECDC ikun għamel kontribuzzjonijiet sinjifikanti għall-bażi ta' għerf xjentifiku ta' mard infettiv u l-konsegwenzi tagħhom fuq is-saħħa, kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà inġenerali.

Mira 2: L-ECDC ikun il-punt fokali ċentrali għas-sorveljanza ta' mard infettiv fl-UE u l-punt awtoritattiv ta' referenza għat-tishiĥ tas-sistemi ta' sorveljanza fl-Istati Membri.

Mira 3: Ir-reputazzjoni tal-ECDC għal eċċellenza u tmexxija xjentifika tkun stabbilita b'mod sħiĥ fost il-membri tiegħu, u l-ECDC ikun ir-riżorsa ewlenija għal informazzjoni u pariri xjentifiċi dwar mard infettiv.

Mira 4: L-ECDC ikun il-punt ta' appoġġ ta' referenza fl-UE għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, l-investigazzjoni u r-rispons ikkoordinat għal bidu ta' theddid minn mard infettiv.

Mira 5: L-ECDC ikun iċ-ċentru ta' appoġġ ta' referenza fl-UE għat-tishiĥ u l-bini tal-kompetenzi permezz ta' taħriġ għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv.

Mira 6: Ir-riżultat tal-komunikazzjoni tal-ECDC ikun is-sors Ewropew ewlieni ta' informazzjoni xjentifika u teknika awtorevoli u indipendenti fil-qasam tagħha, u l-ECDC ikun il-punt ta' appoġġ ta' referenza fl-UE għall-komunikazzjoni ta' riskju.

Mira 7: L-ECDC ikollu programm strutturat ta' kooperazzjoni għal mard infettiv mal-imsieħba ewlenin kollha.



ECDC Forum Konsultattiv

Kif inhu organizzat l-ECDC

L-istruttura taċ-Ċentru hija bbażata fuq funzjonijiet ewlenin. Bħalissa tinkludi 4 unitajiet tekniċi (Parir Xjentifiku, Sorveljanza, Livell ta' Preparazzjoni u Rispons, u Komunikazzjoni dwar is-Saħħa), appoġġjati minn unità għal Servizzi Amministrattivi. Ir-responsabbiltà għat-tmexxija ġenerali, il-ġestjoni u l-koordinazzjoni kif ukoll ir-relazzjonijiet esterni taqa' f'idejn il-Kabinett tad-Direttur. L-attivitajiet speċifiċi għall-mard ikopru l-erba' unitajiet tekniċi. L-ECDC s'issa stabbilixxa sitt programmi bħal dawn: Infezzjonijiet fil-Passaġġ Respiratorju; Infezzjonijiet trasmessi sesswalment inkluż l-HIV u virus li jikbru fid-demm; Mard li jista' jiġi milqugħ b'tilqim preventiv; Infezzjonijiet ta' reżistenza kontra l-mikrobi u assoċjati mal-kura tas-saħħa; Mard u żunożi li jikbru fl-ikel u l-ilma; u mard li għadu jibda u li jikber fil-vektor.

Il-Korpi Governattivi taċ-Ċentru

Bħala aġenzija indipendenti tal-UE, l-ECDC jirrapporta lill-Bord ta' Ġestjoni b'membri nominati mill-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Bord ta' Ġestjoni jaħtar id-Direttur tal-ECDC u jżommu responsabbli għat-tmexxija u l-ġestjoni taċ-Ċentru. Għandu wkoll jiżgura li ċ-Ċentru jwettaq il-missjoni u x-xogħlijiet tiegħu skont ir-Regolament ta' Stabbiliment. Il-Bord ta' Ġestjoni japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u l-baġit tal-ECDC, jadotta r-rapport annwali u l-kontijiet finanzjarji tiegħu – bażikament

huwa jaġixxi bħala l-Korp Governattiv taċ-Ċentru. Huwa jiltaqa' talanqas darbtejn fis-sena.

Il-Forum Konsultattiv jagħti pariri lid-Direttur taċ-Ċentru dwar il-kwalità tax-xogħol xjentifiku li jsir mill-ECDC. Huwa magħmul minn rappreżentanti b'esperjenza ta' istituti u aġenziji tas-saħħa pubblika nazzjonali, innominati mill-Istati Membri abbażi tal-kompetenza xjentifika tagħhom, u minn uffiċjal tas-saħħa pubblika mill-Kummissjoni Ewropea. Assoċjazzjonijiet xjentifiċi Ewropej u gruppi tas-soċjetà ċivili jistgħu wkoll jibagħtu osservaturi għall-Forum Konsultattiv. Id-Direttur tal-ECDC



ECDC l-persunal

jistieden lill-WHO biex tattendi għal-laqqgħat biex tiżgura sinerġija bejn ix-xogħol xjentifiku tagħha u dak tal-ECDC. Minbarra li jagħti pariri lill-ECDC, il-Forum Konsultattiv huwa wkoll mezz ta' skambju ta' informazzjoni u tal-ġbir tal-għarfien dwar is-saħħa bejn l-Istati Membri. Il-Forum Konsultattiv jiltaqa' tal-anqas erba' darbiet fis-sena.

Il-Kumitat Eżekuttiv ta' Ġestjoni (EXC) huwa kumitat konsultattiv għad-Direttur u jiltaqa' kull ġimgħa. Magħmul mid-diretturi għoljin fl-ECDC, l-EXC huwa l-forum ewlieni għall-politika, l-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp tal-programm, iżda jservi wkoll bħala forum għall-konsultazzjonijiet u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kuljum taċ-Ċentru, inkluż li jsegwi l-baġit u l-pjanijiet ta' xogħol.

Il-Korpi Kompetenti tal-ECDC huma istituzzjonijiet jew korpi xjentifiċi li jipprovdu parir xjentifiku u tekniku indipendenti jew kompetenza għal azzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard uman. Huma kienu nnominati mill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Huma jipprovdu appoġġ lill-ECDC, u daqshekk ieħor l-ECDC jikkoopera magħhom fil-missjonijiet kollha tiegħu, b'mod partikolari fuq xogħol preparatorju għal opinjonijiet xjentifiċi, assistenza xjentifika u teknika, ġbir ta' informazzjoni, identifikazzjoni ta' feġġa ta' theddid għas-saħħa u f'kampanji ta' informazzjoni pubblika.



Fatti importanti dwar l-ECDC

Ilu jopera minn: **Mejju 2005**

Post tal-aġenzija: **Stokkolma, l-Iżvezja**

Direttur: **Zsuzsanna Jakab**

Stati Membri: **UE-27 flimkien mal-pajjiżi tal-EEA/
EFTA (ara l-lista hawn taħt)**

Regolament tal-istabbiliment tiegħu: **Regolament tal-Parlament
Europew u tal-Kunsill
KE/851/2004**

Baġit: **EUR 41.1 miljun fl-2008.**

Pass li jmiss: **IL-baġit tal-ECDC se jikber għal
iktar minn EUR 56 miljun sal-2010
u l-persunal tiegħu għal madwar
350 taħt il-mandat attwali tiegħu
(jiġifieri mard infettiv biss).**

Il-missjoni tal-ECDC

Ir-Regolament tat-Twaqqif tal-ECDC jiddefinixxi l-missjoni, il-kompiti u l-modi ta' ħidma tal-ECDC. Dawn jistgħu jitqassru kif ġej:

- L-ECDC għandu jiffoka fuq mard infettiv u tfaqqigħ ta' orġini mhux magħrufa
- L-ECDC għandu jkun ċentru proattiv ta' eċċellenza fir-rigward ta' informazzjoni u għarfien xjentifiku dwar l-aspetti kollha ta' mard infettiv
- L-ECDC għandu jkun aġent tal-bidla, billi jappoġġja b'mod attiv is-sistema sħiħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha fil-ħidma tagħhom biex itejbu l-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv

Kun af iktar dwar l-ECDC

Sit elettroniku

Tista' tkun taf iktar dwar l-ECDC u l-attivitajiet tiegħu fuq is-sit elettroniku tagħna. Hawnhekk ssib pereżempju informazzjoni ddettaljata dwar mard infettiv ewlieni li l-ECDC tissorvelja, links għal organizzazzjonijiet rilevanti (eż korp ta' sorveljanza nazzjonali u fl-UE), arkivju

ta' aħbarijiet u informazzjoni dwar attivitajiet li jkunu se jsiru. www.ecdc.europa.eu

Eurosurveillance

L-ECDC jipproduċi għurnal xjentifiku fuq l-internet darba fil-ġimgħa li jissejjaħ *Eurosurveillance*. Imwaqqaf fl-1995, *Eurosurveillance* sar il-għurnal ewlieni dwar mard infettiv fl-Ewropa. Huwa għurnal b'aċċess miftuħ u jinkludi għażla ta' twissijiet elettroniċi u RSS Feed. www.eurosurveillance.org

Stati Membri

In-netwerk tal-ECDC jinkludi lil dawn il-pajjiżi membri:

Is-27 Stat Membru tal-UE:


L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

Il-Pajjiżi tal-EEA/EFTA:

L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja.

Pajjiżi oħra fil-viċinanza tal-UE:


L-ECDC beda jinvolti t-tliet pajjiżi kandidati – il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija– fix-xogħol tiegħu. Huwa possibbli li pajjiżi oħrajn qrib tal-UE jibdew jiġu assoċjati max-xogħol tal-ECDC ukoll. Bdew in-negozjati bejn l-Iżvizzera u l-UE bil-ħsieb li l-Iżvizzeri jipparteċipaw fl-ECDC.



Pubblikazzjonijiet tal-ECDC

L-ECDC jipproduċi firxa ta' pubblikazzjonijiet maħsuba għall-esperti kif ukoll għall-pubbliku. Il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi jixxandru bl-Ingliż biss filwaqt li pubblikazzjonijiet maħsuba għall-pubbliku inġenerali jixxandru fit-23 lingwa kif ukoll l-Iżlandiż u n-Norveġiż.

L-ECDC jipproduċi wkoll fuljett ta' informazzjoni li joffri kull tliet xhur dwar l-attivitajiet tiegħu msejjaħ *ECDC Insight*, kif ukoll aħbarijiet qosra dwar temi xjentifiċi indirizzati għal dawk li jfasslu l-politika (*ECDC Executive Science Update*).



Ispatoloġija tat-tuberkulożi, endometrium

Lista ta' mard infettiv li huma notifikabbli fuq livell tal-UE

Infezzjonijiet tal-passaġġ respiratorju

Influenza, tuberkulożi, legjonellożi.

Mard trasmess sesswalment inkluż HIV u viruses li jikbru fid-demm

Klamidija, infezzjonijiet gonokokkali, epatite B, epatite C, HIV u sifilide.

Mard ġej mill-ikel jew mill-ilma u żunożi

Campylobacteriosis, cryptosporidiosis, infezzjoni bil-enterohaemorrhagic Escherichia coli (EHEC), infezzjoni norovirus, salmonella, epatite A u E, listeriosis, botulism, brucellosis, il-marda Creutzfeldt-Jakob u spongiform encephalopathy trasmessibbli (TSE), shigellosis, toxoplasmosis, trichinosis u yersiniosis, anthrax, kolera, tularaemia, echinococcosis, giardiasis, leptospirosis.

Mard emerġenti u li ġej minn insett li jġorr parassita li tgħaddi l-mard minn post għall-ieħor (vektor)

Malarja, Q-fever, chikungunya, hanta, dengue u yellow fevers, West Nile fever, borreliosis, tick-borne encephalitis (TBE), pesta, severe acute respiratory

syndrome (SARS), smallpox, deni emorrhagiku virali, mard emerġenti/mard ieħor b'kawża mhux magħrufa.

Mard li jista' jiġi milqugħ b'tilqim preventiv

Influenza Haemophilus tip B, ħosba, mard meningokokkali, gattone, pertussis, rubella, infezzjonijiet pnevmokokkali (invażivi), difterite, tetnu, poljomjelite, rabbja, infezzjoni rotavirus, ġidri r-riħ, HPV.

Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u r-reżistenza antimikrobjali

Infezzjonijiet nosokomjali, patoġeni antimikrobjali li huma reżistenti.

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu/> jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.



**ECDC – European Centre for Disease
Prevention and Control**

Indirizz taż-żjarat: Tomtebodavägen 11 A
17183 Stockholm, Sweden
Tel: +46 8 5860 1000
Feks: +46 8 5860 1001
Sit elettroniku: <http://www.ecdc.europa.eu>
Indirizz elettroniku: info@ecdc.europa.eu

Indirizz Postali:
ECDC – European Centre for Disease Prevention
and Control
171 83 Stockholm, Sweden



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

TQ-30-08-669-MT-C

Dan il-fuljett huwa disponibbli fil-lingwi li ġejjin:

Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż,
Grieg, Inġliż, Irlandiż, Iżlandiż, Latvjan, Litwan, Malti,
Norveġiż, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven,
Spanjol, Taljan, Ungeriż, Żvediż